

21997D0123(07)

23.1.1997

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 21/9

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 54/96

ta' l-4 ta' Ottubru 1996

li temenda l-Protokoll 31 għall-Ftehim taż-ŻEE, dwar il-kooperazzjoni foqasma speċifiċi barra l-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala l-Ftehim, u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi l-Protokoll 31 għall-Ftehim ġie emendat l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 45/96 tad-19 ta' Lulju 1996 ⁽¹⁾;

Billi jidher li huwa xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim tiġi estiża għall-qasam tas-saħħa pubblika;

Billi l-Protokoll 31 għall-Ftehim għandu għalhekk jiġi emendat sabiex jippermetti għal kooperazzjoni mkompliġja bħal din,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-Artikolu l-ġdid li ġej għandu jiġi miżjud mal-Protokoll 31 tal-Ftehim:

“Artikolu 16

Saħħa pubblika

1. Il-kooperazzjoni fil-qasam tas-saħħa pubblika għandha tiġi msaħħa bil-parteċipazzjoni ta' l-Istati ta' l-EFTA fl-attivitajiet tal-Komunità li jistgħu jirriżultaw mill-atti tal-Komunità li ġejjin:
 - **396 D 0645:** Id-Deċiżjoni Nru 645/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Marzu 1996 li tadotta programm ta' azzjoni tal-Komunità dwar il-promozzjoni tas-saħħa, informazzjoni, edukazzjoni u taħriġ fi ħdan il-qafas għal azzjoni fil-qasam tas-saħħa pubblika (1996 sa 2000) (ĠU L 95, tas-16.4.1996, p. 1);
 - **396 D 0646:** Id-Deċiżjoni Nru 646/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Marzu 1996 pjan ta' azzjoni kontra l-kanċer fi ħdan il-qafas għal azzjoni fil-qasam tas-saħħa pubblika (1996 sa 2000) (ĠU L 95, tas-16.4.1996, p. 9);
 - **396 D 0647:** Id-Deċiżjoni Nru 647/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Marzu 1996 li tadotta programm ta' azzjoni tal-Komunità dwar il-prevenzjoni ta' l-AIDS u ċertu mard ieħor li jittieħed fi ħdan il-qafas għal azzjoni fil-qasam tas-saħħa pubblika (1996 sa 2000) (ĠU L 95, tas-16.4.1996, p. 16).
2. L-Istati ta' l-EFTA għandhom jipparteċipaw fil-programmi u azzjonijiet tal-Komunità li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1.
3. L-Istati ta' l-EFTA għandhom jikkontribwixxu finanzjarjament għall-programmi u azzjonijiet li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1 bi qbil ma' l-Artikolu 82(1)(a) tal-Ftehim.
4. L-Istati ta' l-EFTA għandhom jipparteċipaw bis-siħ fil-kumitati tal-KE li jassistu lill-Kummissjoni fl-amministrazzjoni, żvilupp u implimentazzjoni tal-programmi u azzjonijiet li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1.”

⁽¹⁾ ĠU L 291, tas-14.11.1996, p. 38.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-1 ta' Novembru 1996, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fl-4 ta' Ottubru 1996.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

H. HAFSTEIN
